L-EWWEL KTIEB
TAT-TLITTAX-IL-SENA

MARZU
1937

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GħADD

Ħuġġieġa ta' Ward Malti—Lil Ġannina Pisani (Dun Karm) — Is-Sena u d-dawrien tad-Dinja max-Xemx (R.M.B.) -- "Meta kont Pariġi....!" (Ivo Muscat-Azzopardi) — Mill-għana għat-tfal (Ġ. Pisani) — Ir-Rewwixta tal-Milizzja taż-Żurrieq għall-Kaptan tagħhom (ĠUŻE GATT) — Raħal Twelidi (Karm Vassallo) — Kulħadd għax-xeħta tiegħu (R.M.B.) — Mikiel Anton Vassalli (A.C.)—-Kotba ġodda bil-Malti (F.S.C.)

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**IT-TLITTAX-IL-SENA** **1937**

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY
MALTA

MALTA
EMPIRE PRESS
1937

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1937

## ĦUĠĠIEĠA TA' WARD MALTI

Aħna dejjem għidna illi fl-imgħoddi ma kelniex letteratura għanja u sabiħa mhux għaliex ma kienx hemm is-setgħet tagħha fil-ġens malti, iżda għaliex dawk is-setgħet kienu maħnuqin u maħqurin mir-riħ ta' l-għira, mill-kesħa tal-biża' u mil-lupa tal-mibegħda.

U fissirna wkoll bosta drabi l-fehma tagħna illi jekk xi darba tiddi fuq l-art maltija x-xemx ta' rebbiegħa sabiħa u l-ilma ta' rieda tajba jsaqqiha, dawk is-setgħet bħal żrieragħ f'art tajba, kellhom il-ħila jitħarrku, inibbtu, jarmu u jwarrdu; u kienet din ukoll ittama tagħna.

Issa donnu li xemx ħelwa ta' April qiegħda tisreġ ħanina fuq din il-Gżira, u l-fehmiet u t-tamiet tagħna qegħdin iseħħu. Ħuġġieġa ta' ward letterarju malti fetaħ f'dawn l-aħħar snin u qiegħed ilellex ġmielu bi lwien sbieħ u jarmi fwieħa ħelwa.

Aħna li dejjem ħabbejna l-lsien tagħna u għamilna dmirna kollu biex narawh jikber, jissaħħaħ u jistagħna b'letteratura xierqa lil ġens ċkejken, iżda għaqli u ta' fehmiet qawwija, ma stajniex ma nitgħaxxqux b'din ittwarrida mżewqa fid-daqs u fil-lwien; iżda dak li għax-

xaqna l-iżjed kien illi l-fwieħa ta' dan il-ward ma beqgħetx magħluqa fid-dar u fil-ġnien tagħna, iżda xterdet il barra mix-xtut, qasmet il-baħar u waslet f'artijiet oħra fejn hemm nies li titkellem bi lsien li mhux il-sienna, u għandha drawwiet li ma humiex tagħna. Hekk għidna wkoll fl-artiklu ta' quddiem ta' l-aħħar Għadd ta' "Il-Malti".

Iżda minn dak-in-nhar il hawn ferrħitna l-aħbar illi fil-"Bulletin of Oriental Languages" ta' Londra issemmew b'tifħir xi erba' wardiet magħżulin minn din il-Ħuġġieġa ta' ward malti; wardiet li għada bitgħada jistgħu jkunu mraqqdin biex iżejnu l-ġonna ingliżi.

U mhux anqas ferrħitna l-aħbar illi fuq ix-xtut ta' l-Affrika fejn kibret belt sabiħa li donnha l-oħt iż-żgħira ta' Pariġi, inġabar ukoll bukkett ward minn din il-Ħuġġieġa ta' fjuri maltin, irtabat u żżejjen b'żagarella tal-ħarir bajda, ħamra u blu, u tqiegħed ġo vażett tal-kristall safi biex ikun jista' jarah kulħadd hemmhekk; u ma tkunx ħaġa kbira li l-ġmiel tiegħu jkun imxandar mal-bliet ta' l-Ewropa kollha jekk mhux ukoll lil hinn minn dan il-kontinent.

Aħna ma rridux niġru wisq bil-fantasija tagħna; iżda nobsru illi jekk ix-xemx tar-rebbiegħa tibqa' tisreġ ħanina ftit ieħor fuq l-art letterarja ta' Malta u ma tiġix warajha xitwa qalila ta' kesħa, ta' bard u ta' ġlata, il-Ħuġġieġa ta' ward malti tibqa' dejjem tiġġedded u toktor u tisbieħ li ġġiegħel lil bosta ta' rieda mejta u ta' fehma lubiena jtennu mistagħġba: "Qatt ma konna nobsru ! "

## LIL ĠANNINA PISANI *
### li mietet fil-15 ta' Frar, 1937

SUNETTI

I

Hemm issa qiegħda taħt it-trab sewdieni
ta' qabar kiesaħ u mudlam; mitfija
ħarstek is-sbejħa. xhieda ferreħija
ta' qalb nadifa ġewwa sider hieni.

Għalxejn fuq rasek minn filgħodu kmieni
tgħanni l-bufula ġoċ-ċipress moħbija,
għalxejn ir-rużinjol b'nota mbikkija
jikser is-skiet tal-lejl għannej waħdieni.

Xejn iżjed ma jifdik min-nagħsa tqila,
la xemx, la siġar, la għanjiet ta' ħlewwa,
anqas niket u dmugħ fis-sahra twila:

iżda fuq qabrek tiddi Tama sbejħa;
int Emmint u Ħabbejt fil-Ħaqq u s-Sewwa
u għad ta' Min ħabbejt tqajmek is-Sejħa.

II

Ġannina, l-qabar mhux għal dejjem: sħiħa
qiegħda ġe' sidri din it-Tama kbira;
għad terġa' tixgħel ħarstek is-sabiħa,
targa' tal-Hena tħeġ'ġek it-tferħira.

Il-ġebla li tgħattik għalxejn tkun xħiħa,
għax il-Wegħda ta' Kristu mhix qasira:
"Jekk miegħi tħaddan is-Salib, ħafifa
tkunlek il-Qawma u Ruħek ma tkunx fqira."

---

(*) Iltima minn ommha u għal xi snin minn missierha wkoll din ix-xebba ma' tul sittax-il-sena qasmet miegħi

Għad nerġgħu bħal ma konna ġewwa darna,
henjin f'Dar il-Missier li jħobb l'uliedu,
mal-Ħbieb li fit-tiġrib kienu madwarna;

u qatt iżjed ma tgħib tal-Ħajja d-dija
fejn Ġid u Ferħ la jonqsu u la jiżdiedu,
Ħajja bħal baħar kbir dejjem mimlija.

DUN KARM

---

ix-xogħol u l-mistrieħ, il-ferħ u n-niket tal-ħajja. Mietet ta' tmienja u tletin sena.

Qalbha f'idejha ma' kulħadd, irżina fi kliemha u f'għamilha, ta' natural ħelu u aktarx ferrieħi, ta' karattru sħiħ daqs l-azzar li ma nkiserx anqas taħt l-eħrex tiġrib, din it-tifla kienet is-sliema u l-hena tad-dar. Għaqlija, kienet taf taħseb u taħdem, tagħder u tfarraġ, tqawwi l-qalb u twissi skond il-ħabtiet li magħhom ftit jew wisq titbiddel ix-xejra tal-moħħ u t-taħbita tal-qalb tal-bniedem.

Għax kienet tajba, Alla riedha miegħu u ħajjitha ntemmet kmieni.

Għalija t-Tama li għad naraha fil-Hena ta' Dejjem.

D. K.

# Is-Sena u d-dawrien tad-Dinja max-Xemx

## BISESTIL

Ġulju Cesare bil-ħidma ta' l-astronomu Soriġene, fis-sena 45 Q.K. qejjes u sejjes tûl is-sena fuq id-dawrien tad-dinja ma tûl id-dawra tax-xemx u qatagħha li hi ta' 365 jum u 6 sigħat. Amar għalhekk, li s-sena mexxejja għandha tkun ta' 365 jum u kull 4 snin, jiżdied jum fix-xahar ta' Frar. B'hekk jiġu magħduda s-6 sigħat ta' fuq it-365 jum tas-sena.

B'din iż-żjieda Frar igħodd 29 jum, u s-sena tissejjaħ bisestil.

Biex wieħed iżomm bil-ħeffa, liema sena taħbat bisestil, idaħħal l-għadd 4 fiha, u dik li jidħol fiha bid-dumis, bla ma jħalli fdal, dik tkun sena bisestil. Niftiehmu: is-snin

1600, 1604, 1624, 2000, u hekk nibqgħu sejrin 2400, 2880, 3200 u oħrajn, jidħol fihom bla ma jiħalli fdal l-għadd 4, mela fihom taħbat is-sena bisestil.

Dan. il-qies tad-dawrien tad-dinja max-xemx, mis-sena 45 Q.K., baqa' sejjer sas-sena 1582 W.K., iżda Papa Girgor XIII waqqfu; għaliex sab li d-dinja biex tagħmel id-dawra tagħha max-xemx, tieħu 365 jum, 5 sigħat, 48 minuta u 46 dqiqa; jiġifieri, 11-il-minuta u 14-il-sekonda inqas milli stabbilixxa Ġulju Cesare: u dan il-frak ta' żmien sal-1627 jintela' 13-il-jum, u sal-1582 inġabru għaxart ijiem (10): u dan il-għelt sewwieh il-Papa Girgor XIII.

Għalhekk dan il-Papa, għamel tiswira ġdida ta' żmien; u amar illi l-għada– il-Ħamis, l-4 ta' Ottubru 1582, id-data tkun u tiġi mħarsa, il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru ta' l-istess sena (1582) u sabiex għalli ġej ebda farka ta' tûl ta' żmien ma jkun hemm bejn il-għadd tal-jiem, fuq dawn is-sisien, matûl is-sena, u d-dawrin tad-dinja max-xemx, qata' wkoll, illi kull 400 sena, ma jintgħaddux iżjed mitt sena bisestil bħal qabel, matûl l-amar ta' Ġ Cesare; iżda 97; jiġifieri 3 snin anqas: u tiżdied sena bisestili, ngħidu aħna, barranija. Kull 3963 sena: biex hekk jista' joqtol dawk il-frakijiet ta' żmien, li matûl 3963 sena, jinġemgħu 24 siegħa.

Dan is-sies ta' xejra ta' żmien, hekk imsejjaħ "*riforma gregoriana*", ġie milqugħ minn Franza bejn l-għaxra u l-għoxrin ta' Diċembru ta' dik is-sena li ġie fiha mxandar (1582) fl-artijiet Kattoliċi tal-Ġermanja sentejn wara, jiġifieri fl-1584.

Il-Protestanti għall-ewwel ħasbuha li jixraq iżjed ma jaqblux mal-qies tad-dawrien tad-dinja max-xemx, milli jmejlu rashom lejn amar il-Papa; u ma ħaddnuhx.

Il-Ġermanja ħaddnet din ir-riforma fl-artijiet kollha tagħha mid-dsatax ta' Frar sal-ewwel ta' Marzu 1600; u bejn it-tlieta u l-erbatax ta' Settembru 1752 laqgħetu wkoll l-Ingilterra.

Ir-Russja baqgħet timxi fuq l-almanakk Ġuljan bi 13-il-sena warajna.

R. M. B.

# "Meta kont Pariġi.....!"

*Ħrafa ta'* IVO MUSCAT-AZZOPARDI

"Meta kont Pariġi, ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajt isiru," għajjat Ċensu Portelli, u, f'kemm ili ngħidlek, qam minn fuq is-siġġu, ħataf il-kappell u telaq il barra.

Sħabu qabdu jidħku kemm jifilħu u kull wieħed minnhom beda jfendi xi waħda minn tiegħu fuq dak l-imbierek ta' Ċensu.

Dik il-klikka ta' żgħażagħ, kienu ta' kull lejla jiltaqgħu l-Kafè Reġina — fix-xitwa, ġewwa, f'xi waħda mis-swali jilagħbu l-Iskakki jew id-Dama, u fis-sajf, barra, għall-frisk, jisimgħu l-orkestra.

Din il-qatta ħbieb, ta' kuljum, kienu jagħmlu għors wieħed bl-ieħor, imma Ċensu Portelli kien wieħed mill-iżjed li jaqa' għaċ-ċajt minħabba l-għada li kellu li jtenni u jerġa' jtenni: "Meta kont Pariġi....."

Mela malli Ċensu ħareġ, Wiġi Grixti, żagħżugħ ferrieħi u mqarqaċ għal darba u msemmi għall-ħżunija tiegħu qam u qal: "Isimgħu 'l hawn. Ċensu jrid igħallimna kif għandna nieklu, norqdu, nilagħbu, nitkellmu u x'naf jien għax meta kien Pariġi....; Imma, għiduli ftit, hawn xi ħadd minnkom li emmnu lil Ċensu li qatt mar Pariġi? Għax jien, ngħid għalija, din il-bomba ma tinżillix, u rrid insoddlu ħalqu darba għal dejjem."

"X'inti tgħid, Wiġ?" qabeż serju serju ċertu Micallef "jekk lili n-nifsi kien bagħatli kartolina minn Pariġi. Naf li Censu ftit u xejn fanfarun imma li mar Pariġi żgur daqs kemm hu żgur li dan il-mument ninsabu hawn u jekk trid nagħmlu mħatra nagħmluha."

"Tajjeb, ħabib," wieġbu Wiġi, "l-imħatra marret. Kemm aħna hawn il-lum, ejja ngħoddu: wieħed, tnejn, tlieta.,.. tnax. Tużżana sewwa sewwa. Jonqos Ġuda. Lil Censu, li jrid jidħak bina l-koll, toqgħodlu ta' Ġuda. Mela b'kollox niġu tlettax; u min jitlef l-imħatra jkollu jħallas ikla għal tlettax-il-ruħ, żmien tliet xhur. Ara, taf kif nagħmlu, niffissaw il-jum ta' l-Imnarja, li taħbat minn hawn u xi tliet xhur oħra, u l-ikla ssir fil-Buskett. Tajjeb ?"

Il-ħbieb bdew iħarsu lejn xulxin. Ħafna minnhom kienu jaħsbuha bħal Micallef, għax Micallef, li kien ftit u xejn lablabi, il-kartolina li Portelli kien bagħatlu minn

Pariġi xi sitt xhur qabel, kien uriha lil kulħadd, mhux biss, imma kien ftaħar ukoll li Portelli kien jaf jagħżel lil min għandu jikteb fost ħbiebu kollha!

Oħrajn iżda kienu jafu kemm kien ħajjen Grixti u li la kien daħal għall-imħatra, kien żgur minn fattih.

Madankollu jirbaħ wieħed jew l-ieħor l-ikla kienet żgura jekk l-imħatra sseħħ u għalhekk bdew iħeġġu lil Micallef biex jidħlilha.

"Ara, Johnnie, (hekk kien jismu Micallef), jekk int żgur minn fattik idħlilha"—"Jekk Micallef iridha ta' raġel ma għandux jerġa' lura minn kelmtu"—"Isa, Micallef, fejn hi l-arja ta' ftit ilu"—"Kemm se'r iddum taħsibha, Ġann, il-kartolina li għandek mhix l-akbar xhieda ?"

Micallef sab ruħu dahru mal-ħajt u ma kienx fadallu jagħmel ħaġ'oħra ħlief igħid iva.

"Tajjeb, Grixti, l-imħatra tgħodd. Tliet xhur żmien, jew aħjar sa l-Imnarja, trid tippruvali, int, mhux hekk, li Portelli qatt ma mar Pariġi ?"

"Iva, iva, " tenna Grixti, "taħseb xejn, jien nippruvalek. Imma b'patt wieħed, jiġifieri li ħadd minnkom ma jgħid lil Ċensu b'din l-imħatra u jekk xi ħadd minnkom taħ-rablu kelma waħda biss, jeħel bil-lant kollu huwa u jeħel bl-ispiża. Ftehemna ?"

"Kollox sew," wieġbu għalenija l-ħbieb.

U f'dik il-għaxija ta' Marzu, f'riħ kiesaħ li jxoqq il-għadam il-ponċijiet tar-rum bdew ġejjin u sejrin tlieta tlieta u iżjed ma beda jaħdem ir-rum iżjed beda jikber id-daħk u l-għajjat li saħansitra l-Kap-Kamrier kellu jwis-sihom, kontra qalbu, biex......jidħku u jgħajtu ftit anqas. Imma x'seta' jagħmel kontra dawk iż-żgħażagħ li, barra milli kienu l-ħajja tal-Kafè, kienu wkoll l-akbar konsu-maturi ?

* * *

Immorru pass lura; jew aħjar ħafna passi lura.

Ċensu Portelli, kien, mindu żgħir ħafna, moħħu fuq il-werqa: dejjem jiġri ma' din u ma' dik sa kemm iltaqa' ma' waħda li kellha missierha ksir ir-ras magħruf.

Jum wieħed, kif kien bil-qiegħda fuq bank ma' Karmena (din il-waħda li semmejna), fil-Biskuttin, deher ħabta u sabta quddiemhom, raġel daqsiex, iħares ċass lejhom ! Kien missierha!

Anġlu Degwara, mastrudaxxa mill-Ħamrun kien, magħ-ruf wisq tajjeb kemm f'beltu kif ukoll il-Furjana u l-Belt

Valletta, għax kien "pezzakustjoni" mill-kbar u kellu xi jgħid ma' ħafna nies.

"Sur Anġ......" ħabat igħidlu Portelli malli raħ impalat quddiemu, imma ma setax ikompli kelma oħra u baqa' bħal mismut.

Avvolja Anġlu Degwara qatt qabel ma sama' 'l min isejjaħlu "Sur", dak il-kumpliment ma tantx għamel bih.

"Ħallik mis-swar u mit-trunċieri; fl-aħħar qbadtkom u jekk ma tridx tara għadmek miksur imxi miegħi l-Ħamrun ħalli titlobha lil ommha u tirranġaw għat-tieġ."

Jekk Ċensu ftit ilu ma setax jitkellem issa anqas seta' jieħu nifs, ħass ruħu qed jifga u ra kollox qed idur bih u, anqas jaf kif sab ruħu ġewwa karrozzin u, wara ftit, bħallikieku f'ħolma, daħal ġod-dar, tkellem mas-sinjura Degwara, u talabha 'l bintha b'għarusa.

Ċensu kien iltim minn missieru u ommu u għalekk ma kellu 'l ħadd min jaqbeż għalih u ma setax jeħles minn bint Degwara kif kien irnexxielu jeħles mill-għoxrin waħda ta' qabilha. Meta, bi skuża, qal lis-sinjura Degwara li hu għandu paga żgħira ħafna, malajr weġbuh li ma jimpurtax, li f'darhom kellhom kamra vojta fejn seta' jgħix ma' martu u li wara.... seta' jirranġa bil-qajla ħwejġu. Imma issa kien jinħtieġlu jiżżewweġ u jiżżewweġ malajr għax isem it-tifla kien qed jiġri minn ħalq għal ħalq u l-ġieħ tal-familja Degwara kien sejjer jiġi mtiefes.

U Ċensu Portelli, anqas jaf kif u l-għala, sab ruħu miżżewweġ.

Meta Portelli kellu tletin sena ġa kien missier ta' sitt itfal u għalkemm beda jaqla' xi sold sewwa ma tantx seta' jieħu r-ruħ għax kellu fuq spallejh familja ta' tmienja min-nies; għallanqas kien irnexxielu jaħrab mid-dar ta' ħatnu u jikri, għalih, il-Belt, biex ikun eqreb lejn xogħlu. Portelli kien jaħdem ta' skrivan ma' wieħed neguzjant kbir u minn mindu kien ġie joqgħod il-Belt, ħass ruħu ftit aħjar għax kien, ta' kultant, jaħrab ħarba sal-Każin * * * fejn kien imsieħeb, jew sal-Kafè Reġina, biex iqatta' xi siegħa żmien jitkellem ma' xi ħabib. U, mur il-Kafè l-lum u mur il-għada, fl-aħħar spiċċa biex ingħaqad ma' dik il-klikka li semmejna fil-bidu ta' din il-ħrafa.

Għall-ewwel, tal-klikka ma tantx ħadu gost bih għax Ċensu kien magħruf bħala ftit u xejn lablabi, imma bil-ftit il-ftit bdew jidrawh sa kemm... laħaq wieħed minn tagħhom.

Gara, iżda, li biż-żmien bdiet tikber fih bħal speċi ta'

għira; għira għal ħafna minnhom li jew kienu jaqilgħu iżjed minnu u għalhekk kienu jistgħu jonfqu tajjeb, jew kienu jaqilgħu daqsu u forsi wkoll anqas minnu imma ma kellhomx it-toqol tal-familja fuq spallejhom bħal ma kellu huwa.

Iżjed: ħafna minn sħabu kienu armajn ta' kull ġimgħa jmorru xi xalata San Pawl il-Baħar, jew l-Armier, jew Birżebbuġa. Oħrajn, riżqhom iżjed tajjeb, kienu jistgħu jonfqu xi ħaġa iżjed u ta' kull sena, malli jidħol is-sajf, arahom jerħulek għal Tunes, jew Franza, jew l-Italja; u minn xi daqqiet ftit iżjed il-bogħod ukoll: l-Ingilterra u ħafna bliet oħra mill-isbaħ.

U l-imsejken Ċensu isma' l-lum u isma' għada, l-għira tikber dejjem u beda jħoss ruħu ċkejken, avvelut, iħares. U beda jaħseb, jaħseb kif għandu jagħmel biex juri lil sħabu li huwa wkoll m'hu xejn anqas minnhom. U jum wieħed meta l-ħbieb tal-klikka kienu miġburin il-koll fl-imkien, min jilgħab l-Iskakki, min id-Dama, min jitħaddet fuq il-Pulitka....Censu Portelli tahom l-aħbar kiesaħ u biered li huwa wkoll kienet waslet siegħtu biex jara ftit iddinja: ftit jiem oħra kellu jsiefer.

Il-ħbieb, kollha kemm huma, baqgħu bħal statwi talmelħ. Kien hemm min belagħha u kien hemm minn le. Imma ħadd ma tniffes u xorbu bis-saħħa ta' Ċensu Portelli u qabel telaq tawh "il-vjaġġ it-tajjeb" u għannewlu «*For he is a jolly good fellow*» fost id-daħk ta' dawk ilħafna nies li dak il-ħin kienu jinsabu l-Kafè Reġina.

Il-bxara ta' Portelli ma kien fiha xejn biex wieħed jistagħġeb, li ma kienx għax il-koll kienu jafu li Ċensu kellu familja kbira u ma setax jidħol għal spiża bħal dik kif ġieb u leħaq, imma ħadd minnhom ma ssogra jmerih.

Is-sħab kien ilu qed jinġabar fuq il-familja ta' Censu Portelli u dik il-lejla tal-bxara, it-tempesta faqqgħet. Mar id-dar b'geddumu sal-art u anqas kien laħaq għadda l-għatba tal-bieb li ma bediex iħabbat u jsabbat u jgħajjat ma' kulħadd. Ċensu kien imxabba' sal-ponta ta' mnieħru u ma setax jifhem il-għala huwa biss, fost sħabu kollha, ma setax jagħamel il-kapriċċ li joħroġ barra minn Malta u ma jarax ġebla li ma tkunx waħda minn ta' Malta jew ta' Għawdex.

Portelli ma setax jifhem li l-ħtija li huwa ma kienx jista' jagħmel dawk il-kapriċċi kienet kollha tiegħu. Għaliex

meta kien żgħir, b'moħħu fuq il-werqa, qatt ma ħaseb biex ifaddal sold? Għaliex meta kiber xi ftit u beda jifhem biżżejjed, flok li rabba l-għaqal, baqa' dejjem bl-istess għada li jiġri wara d-dbielet, kellu jiżżewweġ, bdew ġejjin ittfal, bdew jikbru l-ispejjeż, it-toqol tal-familja beda dejjem jiżdied.

Imma l-iżjed li kienet qiegħda tagħamel bih ma kenitx ix-xewqa li jsiefer daqs kemm l-għira għall-oħrajn u l-avveliment li ma jistax jagħmel bħalhom. Għalhekk mela kien qata' li jsiefer... biċ-ċajt.

Meta ta l-aħbar lill-mara bil-ħsieb li kellu ma daħketx ftit bih imma ma sewa għalxejn. Kulħadd issa kien jaf li Portelli kien sejjer isiefer u għalhekk kien marbut b'kelmtu li għandu jsiefer. Imma fejn? Franza jew l-Italja? Xejn affattu. Għawdex!!! Il-pitgħada kellu jitlaq għal Għawdex.

L-għada, l-ewwel ma għamel, mela, qalleb kemm kotba sab sa kemm sab mapep u kotba li jitkellmu fuq Pariġi; imbagħad wara ħafna taħbit irnexxielu jsib jixtri qabda kartolini mhux użati u għażel tnejn jew tlieta minnhom. Il-bagoll lestieh f'kemm ili ngħidlek biex l-għada fil-għodu jitlaq, kmieni kmieni, ma l-ewwel vapur għal Pariġi.... ta' Għawdex, mimli bit-tama li... ma jiltaqa' ma' ħadd li jafu, inklelè kull ma għażel kien isirlu suf.

Din id-darba x-xorti għenitu u ġietu tajba għax peress li issa kulħadd imur Għawdex mill-Marfa, il-vapur kien armajn fieragħ. Dar minn hemm u dar minn hawn biex jara min kien hemm abbord. Kollox sew. L-aktar biċċa tqila kien għaddiha. Għawdex ma kien hemm ħadd li jafu u ma kien sejjer ikollu ebda xkiel għall-proġett kbir tiegħu. Malli wasal qabad awtomobbli u mar dritt għar-Rabat fil-lukanda l-kbira. Peress li kien fi ħsiebu jgħaddi iżżmien kollu kemm idum Għawdex f'dik il-lukanda, tliet ġimgħat, is-sid għamillu prezz tajjeb ħafna. Imma wara xi jumejn, dment li kien qiegħed għall-frisk fil-gallarija tas-Salun, lemaħ ġej karrozzin, qalbu bdiet it-taqtaq.... igħammex ftit għajnejh biex jara min kien nieżel minnu: Niżel il-Perit Cutajar!

"Ix-xjaten," qal bejnu u bejn ruħu Portelli "x'ġie jagħmel 'l hawn, dan il-fergħun." U f'kemm ili ngħidlek mar inqafel f'kamartu. Bil-biża', fil-għaxija, anqas niżel jiekol għax, kif qal lil tal-lukanda, kellu wġigħ u dardir. U l-għada fil-għodu qal lis-sid li kien biddel ħsiebu

u xtaq imur għall-arja tal-baħar; u bikri bikri telaq lejn ix-Xlendi.

Ix-Xlendi ma tħabatx ftit biex isib fejn joqgħod imma fl-aħħar sab daqsxejn ta' kamra ma' waħda familja u baqa' fiha sa kemm għaddew il-jiem tal-btala li kien fadallu.

F'dik il-kamra kien hemm tieqa kbira u sabiħa fejn Censu kien joqgħod għal sigħat sħaħ jitgħaxxaq b'dik is-sbuħija ta' sema, ta' baħar, ta' għoljiet, ta' egħlieqi: kollox ħaj, kollox igħaxxaq.

F'dik il-ħemda, Portelli seta' jqalleb u jistudja b'reqqa kbira dawk il-ħafna kotba li kien ġieb miegħu minn Malta u meta wasallu ż-żmien biex jitlaq lura lejn Malta kien jaf ħafna fuq Pariġi, kien jaf bit-triqat wesgħin tagħha kollha mberfla bis-siġar, bil-ħafna Teatri u Cinejiet, bil-ġonna u bil-mijiet ta' lukandi ta' kull daqs u sura, mhux anqas minn dawk li kienu marru fiha tassew.

Ċensu kien ħaseb ukoll fl-irqaqat kollha u ried li kieku jagħti f'idejn sħabu xi prova tal-vjaġġ tiegħu. Kien għalhekk li għamel minn kollox biex kiseb dawk il-kartolini, kiteb fuqhom "it-tislijiet tiegħu" u bagħathom magħluqin f'ittra lil wieħed ħabib tiegħu, li kien ilu Pariġi bosta snin, u talbu li jqegħedilhom fuqhom bolla u jimpustahom minn hemm. Dawn il-kartolini li kienu tlieta, kienu indirizzati waħda lil martu, l-oħra lin-Neguzjant ma' min kien jaħdem u t-tielet waħda lil Johnnie Micallef. Il-ħabib ta' Pariġi għad li kien ilu ma jirċievi aħbarijiet ta' Portelli minn żmien twil, ma qagħadx iħabbel rasu u għamel kif kien talbu tant bi ħrara Portelli.

Ħsieb Portelli mela kien seħħ għal kollox u meta, wara tliet ġimgħat li kien ilu nieqes minn Malta, reġa' deher fil-Kafè Reġina, ġie milqugħ b'mitt elf mistoqsija u Portelli, moralment soddisfatt, wiġibhom għal kull waħda minnhom, b'reqqa liema bħalha. Ċensu kien jaf tassew juri ħaġa b'oħra, u kulħadd emmen il-mawra tiegħu f'Pariġi. U minn dak in-nhar inħolqot il-famuża frażi: "Meta kont Pariġi...... "

* * *

Imma, kif igħid il-Malti, "il-ħajt għandu widnu u l-ajru għandu għajnu", u Grixti, dak is-seksieki, li l-affari ta' Pariġi kienet baqgħatlu fuq l-istonku u ma setgħetx tinżillu, berren minn hawn u staqsi minn hinn, spiċċa

biex kixef kollox. Sab min fejn ġieb il-kartolini, sab fejn kien mar Għawdex, l-ewwel ir-Rabat, u mbagħad ix-Xlendi, għaraf ma' liema vapur kien siefer u ma liema ġie l-ura; f'kelma waħda ġabar kull aħbar li setgħet tiswielu...... biex jirbaħ l-imħatra u jiffranka dik l-ikla għal tlittax-il-ruħ.

Tlitt ijiem sewwa qabel l-Imnarja, meta kienu l-koll miġburin flimkien sew sew taħt l-Istatwa tar-Reġina, jisimgħu ma nafx liema Fox-Trot, Grixti, bla ħadd ma kien jistennieha, qabeż u qal: "Bħalma tafu, tlitt ijiem oħra taħbat l-Imnarja. Jien u Micallef ftehemna biex nistidnukom il-koll għand Barabanja, San Pawl il-Baħar. Fil-għodu kmieni nmorru l-Buskett għall-Fiera u wara dritt għal San Pawl għall-ikla. Hawn xi ħadd tant baħnan li jirrofta ikla b'xejn?"

Għalkemm ħadd ma kien qed jistenna din il-bxara, kulħadd kien jaf li l-ikla, hekk jew hekk, għanda ssir. Għal hekk kulħadd wera ruħu ferħan.

Meta telaq Portelli kulħadd xtaq jaf kif kienet il-biċċa imma minn fomm Grixti ma ħarġetx kelma waħda. "Tkunu tafu kollox waqt l-ikla għand Barabanja," weġibhom.

* * *

Dawk it-tlitt ijiem li kien fadal għall-Imnarja dehru twal daqs xahar imma fl-aħħar għaddew ukoll. Id-29 ta' Ġunju wasal, kif jasal jum ieħor tas-sena. Il-ħbieb iltaqgħu fil-għodu kmieni; intrassu ġewwa żewġ "motor cars" tal-kiri u telqu għall-Buskett. Hemm għamlu għors sħiħ.

Iż-żjara fil-Buskett u fil-Fiera fejn kien hemm l-isbaħ frottijiet, ħxejjex u bhejjem li taf tagħti Malta, kif ukoll ħafna tfajliet ta' l-irħula, godlin u magħquda u b'wiċċhom aħmar daqs il-pepprin kif taħulhom Alla—għaddiet tajjeb ferm. F'xi l-ħdax, bejn għax il-ġuħ kien beda jaqbadhom u bejn li x-xemx bdiet tisreġ sewwa, qatgħuha li jitilqu għal San Pawl il-Baħar

Waslu f'kemm ili ngħidlek. Sa kemm Barabanja lesta l-ikel marru daru dawra żgħira. Ħadu *vermût* fl-ewwel ħanut li sabu, marru sa Għajn Rażul biex jixorbu qatra ilma friska u reġgħu l-ura għand Barabanja.

L-ikel beda ġej platt wara platt. Imqarrun biz-zalza tal-fniek, imbagħad il-fniek biz-zalza. Wara, majjal fil-forn li kien qisu dundjan u li għoġob ferm lil kulħadd minn barra lil Micallef li, ma tantx kien jidher f'siktu, u li, kif qal, l-imqarrun kien baqagħlu fuq l-istonku tiegħu.

Wara, insalata u ġobon, u fl-aħħar tin u bajtar, ħelwin daqs il-għasel, kien hemm bir-rimi.

Kulħadd kien jistenna li Grixti kien sejjer igħidilhom, mill-bidu sal-aħħar x'sab u ma sabx fuq il-mawra, biċ-ċajt jew bis-sod, ta' Portelli f'Pariġi imma, minn dan kollu, xejn. Grixti baqa' sieket sa kemm ġietu x-xoqqa f'moxtha.

Waqt li kienu waslu fil-frott wieħed mill-ħbieb malli lemaħ dawk l-erba' tiniet kollha għasel ma' dwarhom, beda jixħethom ġewwa ħalqu tnejn tnejn, bla ma jqaxxarhom u bla ma jaħsilhom.

Portelli lemħu u sar qisu xitan: "Meta kont Pariġi......" beda; imma Grixti, li kien ilu jistadu minn żmien, ħadlu l-kelma minn fommu.

"Hawn ridtek, ħabib. Kemm domt ma qlajtha minn fommok, illum? Meta kont Pariġi jew meta kont Għawdex? X'Pariġi Pariġi ta' qattus nanntek!! Għidilna x-Xlendi, ħabib!! "Meta kont ix-Xlendi......"

Portelli sar aħmar daqs in-nar; imbagħad isfar daqs il-qarsa tax-xemgħa, u ma qalx kelma waħda. Anqas tniffes. Qam bil-mod, u lewwet il barra.

Il-ħbieb kollha, u l-iżjed Micallef, baqgħu mistagħġba u malajr fehmu li Grixti kellu raġun. Meta wara ftit xi wħud minnhom qamu biex ifittxu lil Portelli ma setgħux isibuh imkien. Kien qabad l-ewwel *char-a-banc* u telaq lejn il-Belt.

Reġgħu l-ura fuq il-mejda u flimkien ma' l-oħrajn riedu jafu minn għand Grixti l-ħrafa kollha u Grixti, bejn tazza nbid u oħra, qalilhom kollox.

Il-Perit Cutajar, li kien lemaħ lil Portelli fil-lukanda ta' Għawdex kien il-bidu tal-kxif tal-ħrafa kollha u, imbagħad, ħaġa ġġib lil oħra, is-seksieki Grixti għaraf kollox, kollox, kollox.

Micallef, ma għandna xi ngħidu xejn, kellu jitqanna bil-kont kollu u Portelli ma deherx iżjed fil-Kafè Reġina, imma l-frażi tiegħu "Meta kont Pariġi. . . ." baqgħet, għal ħafna żmien wara, tissemma' bejn dawk it-tnax-il-ħabib.

Lixandra, 1 ta' Ġunju, 1936.

# Mill-għana għat-tfal

## IL-WARDA MALTIJA

Fost kollha l-ward ta' Mejju
li jarmu ħafna fwieħa,
jien waħda biss tferraħni
u nara wisq sabiħa.

Agħtuni din il-warda
ħa niġri u nifraħ biha,
irridha bajda u ħamra
irrid Warda Maltija.

Inħobbha din il-Warda,
inbusha xħin tkun f'idi,
għaliex din iġġib l-isem
ta' Malta, Art Twelidi.

## GĦASFUR

Fejn int sejjer, għasfur ċkejken,
dalgħodu kmieni kmieni,
kollok sabiħ u mżewwaq,
kollok ħafif u hieni?

Jekk int sejjer ġewwa l-bejta
li ħdimt biċ-ċkejken driegħek,
sellili għall-għammiela,
sellili għat-tfal tiegħek.

## L-ILSIEN MALTI

Inħobb Ilsien dil-Gżira
li għex u trabba miegħi
għaliex dan tani Alla,
għaliex dan biss hu tiegħi.

Mhux Malti minn imaqdar
lil dan ilsien sabiħ,
mhux Malti min għall-frugħa
jistħi jiftaħar bih.

Ġorg Pisani

# Ir-Rewwixta tal-Milizzja taż-Żurrieq għall-Kaptan tagħhom.

Ma kienx għad fadal ħin wisq biex titla' x-xemx ħalli tagħti l-ħajja u ddawwal il-jum tal-15 ta' Mejju 1641. Dal-jum kien nhar ta' Erbgħa. F'daqqa waħda, bla ħadd ma kien jistenna, tinsama' tfaqqigħa kbira ta' kanun miġbuda minn fuq is-swar ta' l-Imdina. Fis-skiet u l-ħemda tal-lejl li kien, din damdmet u dwiet ma' Malta u Għawdex kollha.

Għal din it-tfaqqigħa, wieġeb l-ewwel Għawdex, bi tfaqqigħa oħra ta' kanun mill-Kastell tar-Rabat. Wara wieġbet ukoll il-Belt minn fuq it-Torri ta' San Ġwann.

Dawn it-tliet tfaqqigħat ta' kanun, dari kienu jinqdew bihom biex jagħmlu n-*Nafra*. Dina n-*Nafra* kienet issir biex jiġi mgħarraf li Gżiritna tinsab imħedda minn xi ħsara. Aktarx li kien jiġri dan, kull meta jħiġġu x-xwieni Torok fuq Malta. Bin-*Nafra,* in-nies kienu jiġu mgħarrfa li jinħtieġ ifittxu jaqbdu l-armi u jmorru jingħaqdu mar-Riġment tagħhom bla telfien ta' żmien xejn, biex jistgħu jħarsu arthom l-għażiża minn kull tiġrib li jista' jinqala'.

Dari kull min jidħol fil-ħmistax-il-sena tiegħu, kien irid jaqdi lil Malta billi jagħmilha ta' suldat fil-Milizzja, u jibqa' fiha sa kemm ikollu 65 sena.

Mid-dmir ta' suldati tal-Milizja kienu jistgħu jeħilsu dawk li ma jkunux tajba għall-armi, bħal l-għomja, il-magħtuba u hekk. Ma' dawn ukoll dawk il-misserijiet li jkollhom tlitt itfal suldati, kemm jekk dawn ikunu fil-Milizzja, kemm f'band'oħra ma' l-Ordni. Iżda, meta Malta tkun imhedda mill-egħdewwa, kellu jaqbad l-armi kulħadd, kull min kien jiflaħ jitqabad.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu (1641), il-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla u l-Imdina kellhom ir-Riġment tagħhom tal-Milizzja. Iżda l-irħula kollha kienu mqassma fi tliet Riġmenti oħra biss. L-ewwel Riġment kien imgħaqqad mill-Kumpanija ta' Birkirkara u mill-oħra tan-Naxxar; it-tieni minn ta' Ħal-Qormi u minn ta' Ħaż-Żebbuġ; u t-tielet minn ta' Santa Katerina (iż-Żejtun), ta' Birmiftuħ (il-Gudja), taż-Żurrieq u tas-Siġġiewi. Iżda kull raħal milli semmejna kien jiġbor miegħu l-irħula żgħar l-oħra ta' ma' dwaru u l-qrib tiegħu.

Kif kienu mqassma t-tliet Riġmenti tar-rħula, bejniethom ilkoll kellhom tmien Kaptani. Wieħed għal kull Kumpanija tal-Parroċċa li semmejna.

Għalkemm semmejna tmien Parroċċi biss, fl-1641 kien hawn aktar minn dan il-għadd. Iżda, dawk il-parroċċi li saru wara t-tmienja li ġibna, għal xi żmien baqgħu jagħmlu mal-Parroċċa li magħha kienu qabel, dwar dik li hi Milizzja.

B'Kap fuq ir-Riġmenti tal-Milizzja kollha, sew tal-bliet, kemm tar-rħula, kien is-Siniskalk. U biex igħinuh aktarx li kellu żewġ Mastri di Kamp tiegħu.

Is-Siniskalk kellu r-Riġment ta' Birkirkara u n-Naxxar taħt idejh. U kull Mastru di Kamp kellu wieħed miż-żewġ Riġmenti l-oħra.

Sew is-Siniskalk, kemm il-Mastri di Kamp, kif ukoll il-Kaptani, kienu jintagħżlu kollha minn fost il-Kavalieri ta' l-Ordni. Mill-Alfier lisfel kienu Maltin. Fost ir-Riġmenti tal-Milizzja li kien hawn, wieħed biss kellu l-Kapijiet tiegħu kollha Maltin,—dak ta' l-Imdina. Kien taħt il-Kaptan tal-Virga u l-erba' Ġurati, maltin ilkoll.

Mar-Riġmenti tal-Fanterija, kien hawn ukoll tal-Kavlerija, fil-Milizzja bħal l-oħrajn. Il-Kap ta' dawn kienu jgħidulu l-Kavlerizz. Dan kien Kavalier ukoll.

Għall-Kavlerija kienu jiġu miġbura dawk li kellhom 50 uqija fis-sena minn djarhom. Dawn kienu marbuta li jżommu, bi flushom, żiemel għalihom biex jinqdew bih bħala suldati tal-Kavlerija.

Fil-Kavlerija kienu jistgħu jidħlu wkoll, minn rajhom, dawk li kellhom xi żwiemel tagħhom, biex jaħdmu bihom, ingħidu aħna bħal karrettunara, tal-kalessi, u hekk. Biex din ix-xorta ta' nies jitħajru aktar jidħlu fil-Kavlerija, u hekk l-għadd tas-suldati fiha jikber, dawn ma kienu marbuta b'xejn. Għalhekk kienu jistgħu jitilqu mill-Kavlerija, meta jridu. Terġa', jekk is-suldati l-oħra tal-Milizzja kienu jagħmlu l-għases is-sena kollha, dawk li jidħlu minn rajhom fil-Kavlerija, ma kenux jistgħu jqabbduhom għall-għassa ħlief minn Marzu sa San Martin biss. B'hekk kien jaqblilhom għax jeħilsu minn erba' xhur għassa fis-sena.

Kellhom xi ħlas fil-Milizzja s-Siniskalk, il-Mastru di Kamp, l-Alfier, is-Surġent tal-Bandiera u tat-Tanburlin. L-oħrajn bla ħlas ta' xejn. Id-drill u t-tħarriġ fl-isparar kien

isir fil-Ħdud. U ħliet darbiet, jew erbgħa tis-sena, kienu jiltaqgħu r-Riġmenti kollha fl-imkien.

Meta ssir *in-Nafra*, sew ir-Riġmenti tal-Fanterija, u kemm tal-Kavlerija, kellhom maqtugħ fejn għandhom imorru u jitqassmu ħalli jilqgħu t-Torok u jżommuhom lura.

It-tliet tfaqqigħat ta' kanun li saru fil-15 ta' Mejju 1641, qajmu lin-nies minn soddithom b'ħasda u ħin qabel il-waqt. Kulħadd beda jistaqsi x'ġara, bla ħadd ma seta' jagħti tweġiba sewwa għall-mistoqsija li bdiet issir. B'dana kollu, in-nies malajr intebħu li dik kienet *In-Nafra*. Għalhekk qabdu l-armi u kull wieħed mar jinġabar taħt il-bandiera tar-Riġment tiegħu, biex ikun imħejji għal dak li jista' jinqala'. Il-Kavlerija inġabret ukoll lejn il-Marsa, tistenna hemm, fejn sa tiġi msejħa biex tagħti l-għajnuna tagħha.

Waqt li saret dina *n-Nafra*, fiż-Żurrieq ġrat biċċa li l-lum ma għadhiex tissemma. Għalhekk ta' min ifakkarha mill-ġdid, biex tinżamm ukoll fi ġrajjietna, billi ma hi mniżżla fl-ebda ktieb.

Meta ġiet mogħtija *n-Nafra* li semmejna, l-ewwel ma nġabru fil-misraħ taż-Żurrieq kienu l-Kaptan ta' dan ir-raħal u xi għoxrin ruħ miegħu.

Il-Kaptan tal-Kumpanija tal-Milizzja taż-Żurrieq, fl-1641 kien Fra Grabiel De Melos, Kavalier tal-Prijurat tal-Portugal.

Id-dar tal-Kaptan kienet tkun fir-raħal ta' fejn ikollu l-Kumpanija tiegħu biex bil-lejl kien jorqod hemm.

Il-kera tad-dar kien jitħallas min-nies tal-parroċċa. Kulħadd joħroġ sehmu. Biss minn dal-ħlas kienu meħlusa n-nisa u t-tfal, magħhom ukoll il-qassisin, billi dawn ma kenux jagħmlu ma' l-Ordni, iżda kienu taħt l-Isqof.

Il-Kaptan De Melos, bl-ewwel nies li nġabru miegħu, baqa' sejjer bihom lejn ix-xagħra *tan-Nigret*, bit-tanbur idoqq biex in-nies tkun taf aktar 'il fejn għandha tmur.

Fin-*Nigret*, bil-lejl, kien ikun hemm dejjem waħda mill-għases tad-Dejma.

Ma laħaqx għadda ħin wisq li, fin-*Nigret*, ma bdewx jaslu ftit ftit, is-Suldati tal-Kumpanija taż-Żurrieq bl-armi magħhom.

In-nies tal-Milizzja dari kienu jżommu għandhom l-ixkubetta bil-balal meħtieġa, ix-xabla, is-sejf u l-pendent, waqt li xi wħud kellhom il-forċina wkoll. U din kienet

biċċa sewwa ħafna għal dak iż-żmien. B'hekk meta n-nies tissejjaħ għall-għarrieda, ma kienx isir taħwid u tfixkil sa kemm wieħed isib l-armi tiegħu, iżda kulħadd kien jasal imħejji minn kollox għal dak kollu li seta' jinqala' f'daqqa.

Meta l-Kumpanija taż-Żurrieq inġabret fix-xagħra tan-*Nigret*, il-Kaptan De Melos qassam is-suldati tiegħu f'erba' skwadruni: Taż-Żurrieq, tal-Qrendi, ta' Bubaqra u ta' Ħal-Millieri, kull wieħed għalih. Imbagħad, wara li kien ilu li sebaħ sewwa, beda jaqra l-ismijiet tan-nies, ħalli jara min kienu dawk li naqsu minn dmirhom u ma ġewx għas-sejħa li saret. Qara dawk taż-Żurrieq u ta' Bubaqra, u kien sa jaħbat jaqra dawk tal-Qrendi. Iżda fil-ħin jasal it-Turkupilier (1) ta' l-Imqabba, Toni Zammit, riekeb fuq iż-żiemel tiegħu, u mar fuq il-Kaptan u qallu li n-*Nafra* ta' dak il-lejl saret għalxejn imħabba f'għelt li ttieħed. Wieħed mill-għases tax-xtut li jagħmlu mal-Parroċċa taż-Żurrieq, ra riesqa dgħajsa lejn l-art. Tal-għassa sejħilhom. Iżda billi tad-dgħajsa ma weġbux għas-sejħa li saritilhom, is-suldat għamel in-nar bl-ixkubetta. Wieħed mill-għases tad-Dejma fl-inħawi tas-Siġġiewi, li kien fil-għassa ta' *but xifa*, lemaħ dan in-nar u mar igħid lill-Kaptan tiegħu. Dan il-Kaptan bagħat igħarraf malajr l-Imdina, minn fejn ġiet miġbuda l-ewwel tfaqqigħa ta' kanun. U b'hekk kellha bidu n-*Nafra* li saret billi wara wieġbu wkoll Għawdex u l-Belt b'żewġ tfaqqigħat oħra ta' kanun waħda kull wieħed.

Xħin il-Kaptan taż-Żurrieq sama' b'dan, tbergħen. Beda jlum lit-Turkupilier ta' l-Imqabba, u qallu li d-dmir tiegħu kien li messu fittex jgħarrfu b'dil-biċċa malajr, u mhux iħallih bin-nies tiegħu hemm, jistenna dak iż-żmien kollu għalxejn. Iżda Zammit wieġbu, li ma kienx dmir tiegħu

---

(1) It-Turkupilieri kienu saru meta ġiet l-Ordni f'Malta. Għall-ewwel kienu erbatax, iżda fiż-żmien li qegħdin insemmu (1641) aktarx li l-għadd tagħhom laħaq tmintax Mat-Turkupilieri, kienu saru wkoll żewġ Bandolieri. Sew it-Turkupilieri kemm il-Bandolieri kienu jitħallsu. Id-dmir tat-Turkupilieri kien li ma tul il-lejl, iduru l-għases fl-inħawi tagħhom biss, bla ma jistgħu jonqsu minn dan. Il-Bandolieri, kull meta jfettlilhom, iduru l-għases ta' fejn jidhrilhom huma. Għal din il-biċċa xogħol kellhom żewġ żwiemel għalihom, imħallsa mill-Gvern.

li għamel dan, għax ma kien hemm l-ebda bhima qiegħda biex jinqdew biha għal dana x-xogħol.

Waqt li l-Kaptan de Melos kien jitħaddet mat-Turkupilier Zammit, resaq fuqhom wieħed mis-suldati, jismu Mikiel Farrugia, minn Ħal-Lew. Dan wara il qal lill-Kaptan, li it-Turkupilier l-Ħadd li għadda, kien ħadu minn għassa u għamlu f'oħra, mar qagħad fejn sħabu, is-suldati l-oħra.

Meta Farrugia warrab, de Melos staqsa lil Zammit, il-għala l-Ħadd li għadda naqqas mill-għasses. Zammit wieġbu li dan m'hux minnu. Biss, minn għassa li kien fiha nies żejda, ħa wieħed minn din u tefgħu f'għassa oħra li kellhom in-nies nieqsa, bl-amar tas-Siniskalk.

Iżda minn xhieda li de Melos kellu, kien jaf, li sew Zammit, kemm Farrugia, it-tnejn ma qalux is-sewwa. Għalhekk qal lit-Turkupilier Zammit li jista' jitlaq u, la darba qabdu f'gidba, kellu igħid lis-Siniskalk b'kollox.

Għall-kliem ta' De Melos, Zammit baqa' fejn kien. Il-Kaptan reġa' qallu biex imur, u Zammit ma riedx. U għalkemm il-Kaptan qallu biex jitlaq għal bosta drabi, Zammit ma ċċaqlaqx minn fejn kien. Fl-aħħar il-Kaptan telgħulu u heddu li, jekk ma jitlaqx, jeħodlu l-furketta (furċina) li kellu f'idu u jaqsamha fuq rasu. B'dana kollu, Zammit baqa' jwebbes rasu u ma riedx jitlaq. Fuq hekk, De Melos ried jeħodlu l-furketta minn idu, iżda Zammit żammha sewwa u qabbeż iż-żiemel għal fuq il-Kaptan; De Melos ħareġ ix-xabla u ta daqqa, biċ-ċatt tagħha, lil Zammit u daqqa oħra fuq iż-żiemel tiegħu. Zammit telaq, iżda reġa' lura malajr biż-żiemel għal fuq il-Kaptan. Dan ħareġ il-pistola u biha heddu li jagħmel innar fuqu, kemm-il-darba ma jerġax lura. Fuq hekk, Zammit warrab u telaq minn hemm·

Wara li telaq Zammit, De Melos mar qalb is-suldati tiegħu, ifittex lil Mikiel Farrugia, dak li ġie mibdul mill-għassa. Sabu, neħħieh minn ma' l-oħrajn u qiegħdu għalih waħdu. Imbagħad, De Melos mar ifittex lill-Famolo (żbirr) tal-Kaptan tal-Virġa, biex igħidlu jieħu miegħu lil Farrugia u jżommu fil-Ħabs ta' l-Imdina sa kemm igħarraf bil-biċċa lis-Siniskalk.

Waqt li l-Kaptan warrab biex ifittex lill-Famolo li semmejna, Farrugia reġa' mar qagħad fejn kien qabel, qalb sħabu.

De Melos ma sabux lill-Famolo, u meta ġie lura u ma lemaħx lil Farrugia fejn ħallieh, intilef minnu n-nifsu. Reġa' mar fejnu, qajmu mill-art u qiegħdu ghalih; Imbagħad ħareġ ix-xabla u beda jagħtih biċ-ċatt tagħha. Farrugia laqa' d-daqqiet b'idejh, iżda ġie midrub u beda ħiereġ id-demm.

Meta s-suldati l-oħra raw dan, qalu: "Madonna talħniena, din x'moħqrija hi ?!" u qamu malajr minn bilqegħda u u dawru lill-Kaptan bl-armi f'idejhom, waqt li bdew jgħajtu: "tuh lil dax-xitan, tuh lil dal-kelb."

Ġużè Ġatt.

*Jissokta*

# Raħal Twelidi

Seta' kien akbar—seta' kien isbaħ,
raħal twelidi—jogħġobni sħiħ:
u dinja ġdida—u ġenna ġdida
id-dawl ta' mħabbti—jurini fih !

* * *

Jien kont u għadni—jien kont u nibqa'
raħal twelidi—miegħek marbut !
xejn akbar minnek—xejn isbaħ minnek
ma nsib jew nara—sakemm immut.

Għallimtni nagħder—u nħobb lil għajri ;
għallimtni nimxi—fit-trieq tad-dawl ;
għallimtni naqdi—dmiri nisrani ;
għallimtni s-sewwa—li tak San Pawl.

* * *

Seta' kien akbar—seta' kien isbaħ,
raħal twelidi—jogħġobni sħiħ :
u dinja ġdida—u ġenna ġdida
id-dawl ta' mħabbti—jurini fih !

22 ta' Frar, 1937- KARM. VASSALLO

# Kulħadd għax-xeħta tiegħu

Kliem l-għaref imdaqqas,
miżun u meqjus!
Lablabi, lsien l-ibleh;
jitkellem b'irfus.

Dak jirfdek b'kull kelma
Minn fommu, b'mitt ġid;
u bl-ieħor tiddejjaq
mingħajr ma tkun trid.

Tixjiħ u titgħallem;
jiżdied fik id-dawl
minn sena għal l-oħra;
hekk jgħallem il-qawl.

Kulħadd jisħiħ f'xejrtu
mal-milja taż-żmien,
jitgħallem mill-kotba...
minn kollu l-ħolqien!

Kif jien t'art twelidi
mixħut għal dal-lsien
li nħobbu daqs dini,
mhux inqas il-flien;

jissaħħar għall-baħar...
u l-ieħor li nsib
ma jbarri,ma jibdel
ma' ebda ħabib!

Kulħadd għal fejn huwa
immejjel... mixħut:
min fuq tjur—fuq raba'—
fuq bhejjem...fuq ħut!

Il-bidwi jiftaqad
tar-raba' l-uċuħ,
fuq żriegħ dejjem kliemu
fuq saqwi, xgħir, qmuħ.

Daqqaq jitlef għaqlu
fuq leħen vjolin!
Jinkarmu n-nassaba
Għal ekra u ġojjin!

U taqbad ħuġġieġa
nar, qalb l-iskultur,
mqar 'kk jara minquxa
kurduna fuq sur!

Jekk jilmaħ maħżuża
fuq xoqqa l-pittur
xi werqa, jħoss qalbu
bil-ferħ qiegħda tfur!

.....Skultura u Pittura
żewġ snajja tewmin!
—U x'ħaġa!.. jinħadmu
maqlub ta' xulxin!

Ilaqqax u jċekken
Mis-sħiħ l-iskultur;
u żebgħa ħdejn oħra
u fuq oħra l-Pittur,

dlonk' jerfa' bil-pniezel
itenni u jżid
tiżwiqa ta' lwieni
bis-sengħa ta' l-id:

Sakemm dak iwassal
il-qjies u x-xebhien:
u dan magħhom jolqot
iż-żebgħa fil-lwien.

U l-baħri, li bosta
jkun għâx fuq l-iġfien;
bħall-baħar għal qalbu
ma jsib ebda mkien.

U jtir f'difa safi
l-poeta fil-ħsieb
u jogħla u jinsa
lil ħajtu u lill-ħbieb.

U jżeffen, matulek
ja sena, l-għanjiet,
imħażżen bil musa
ġo l-ogħla smewwiet

u mħaddan u mbewwes
ma' dina: u bil-qjies
fil-mixi tar-ritmu
ma tħajru ebda nies!

U jekk anġlu jqiegħdu
li jaħkem ta' sid;
jagħtih f'idu x-xettru,
l-kliel f'rasu u kull ġid,

jirrofta l-poeta
kull ġieħ u kull mjiel
għax fl-għanja biss, jilmaħ
kull dawl u kull ġmiel!

* * *

Jien...donni li nisel
il-bniedem mjinix!
Ħlief l-għira nitkellem
max-xjuħa m'għandix!

Biex naħżen ġo moħħi
kliem safi, kliem sħiħ
li joħroġ minn fommhom
bil-ħeffa bħar-riħ!

U jekk indum magħhom
sigħat twal u jiem,
ma nixba' u niddejjaq
nismagħhom qatt jien!

Kemm ilu!... lewliemes,
għaġuż (1) minn Ħal-Far,
domt miegħu sa l-għabex
mid-dawl ta' bin-nhar!

Hu jgħid, jiena nisma'
u għajnejja msammrin
fuq wiċċu— u widnejja
jisimgħu henjin.

Kellimni fuq ċrienen
b'kull muna ta' ġid
mimlija, ta' rbuna (2)
m'nn egħlejjel tal-ġdid.

"—U mxejt 'l hinn ftit"—qalli
"Jien bgħett kollox f'ħin
"u ċ-ċrienen, f'bixkilla
"daqqejthom f'xulxin! (3)"

—U kelmtu qawwija
u ċara bħaż-żġieġ,
fuq tajr, il-kliem waqa'
bajd, għalf u tiġieġ.

"—Il-lewn ta' widnejha
"l-għattuqa jibjad,
"għax trabbi, kif jgħidu,
"il-bjada! U mbagħ'd,

"il-ħmura t'għallitha
"fil-lewn tarma żżid,
"u l-bjada tiċċara:
"hawnhekk tiftaħ tbid.

"U kif jibda joħrof
"rix denbha jien rajt
"u għallitha titmejjel
"dritt terfa' mill-bajd."

Xi kliem jimxi waħdu
bħal mewġa! meqjus...
bħal vleġġa minn qawsha,
jew balla mill-bus!

Xi ħlewwa nħoss f'qalbi
u x'faraġ bla qjies
max-xjuħ bdiewa; mwarrab
mill-ħsejjes tan-nies!

---

(1) Għaġuż—Raġel xiħ għakka.

(2) Rbuna—Il-bostan ta' raba'.

(3) Daqqejthom f'xulxin—Xħett waħda ġo l-oħra.

U l-kliem raġa' waqa'
fuq kif tħejji l-qmuħ
għad-dris fuq il-qiegħa
u għad-diri bil-luħ.

Trid tisma' l-kliem safi,
kliem qawwi, kliem sħiħ !
La jlaqlaq, la jieqaf,
la jiġri bħar-riħ.

"...—u wara li nkunu
"it-tgħam lewwaħnieh,
"u mxatna mill-ħliefa
"l-irjus u knisnieh,

"bl-imsielaħ tax-xagħtar (1),
"jitgeddes f'għarmiet,
"jew faħal (2) jitħejja
"u mbagħ'd bil-wejbiet (3)

"nimlew għall-matmura (4)
"'kk jiftlilna naħsluh
"erħilna fil-btieħi
"ġo ħwat inġorruh."

* * *

Nixtieq nibqa' sejjer
sa nimla dal-ktieb:
'ma nibża' li ndejjaq
u nxabba' lill-ħbieb.

Xi ħlewwa fix-xagħri
mal-bidwi ! Bis-saħħa
nintela u bil-faraġ !
'kk ikolli nqattagħha

il-bqija ta' ħajti...
daw' l-erbat ijiem
ngħaddihom; għax bħalha
ma nsib ebda mkien !

Oh ! x'hena ta' ħajja
Oh ! x'faraġ, max-xjuħ
titkellem fis-safa
tal-lsien u tar-ruħ !

Din qalbi ħuġġieġa
fid-difa tal-bur,
fix-xagħri max-xjuħa
inħoss bl-għaxqa tfur !

U ebda ma tberred
l-għaxqiet ta' dil-qalb !
u ebda ma taqta'
din l-għoqda ! ebda talb

ma jifred lil qalbi
mir-rabta max-xjuħ
li jien marbut biha
bil-ġisem u r-ruħ !

Jien donni bħall-bqija
ta' nisli m'jinix;
ħlief l-għira nitħabbeb
max-xjuħa m'għandix !

R.M.B.

---

(1) Xagħtar—Haxixa.

(2) Faħal—L-għarma sħiħa tal-midrus ta' fuq il-qiegħa.

(3) L-ixkejjer tal-ġarr tal-qamħ jissejħu wejbiet, għax jesgħu wejba, minn l-erbgħa waħda ta' modd.

(4) Matmura—Fejn wieħed jaħżen it-tgħam.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Diċembru, 1936, paġ. 127*)

Sena wara li stampa il-Grammatka Maltija bit-Taljan, Vassalli ħareġ il-Ġabra ta' Qwiel u Proverbji Maltin imsejħin *Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi* li fissirhom ukoll bit-Taljan u magħhom żied xi noti.

F'għeluq l-artiklu tiegħu fil-*Journal des Savans* (1829), De Sacy semma wkoll din il-biċċa xogħol ta' Vassalli u f'paġna u nofs tkellem fuq millinqas tnax-il-proverbju u beda b'"Dak li għandek tagħmel, agħmlu fis u ħażin", "Għajnejn żoroq joqtlu n-nies fit-toroq", "Għarusa ġdida kullma tmiss ifuħ", eċċ. u kollha kemm huma stampahom b'ittri Għarbin fejn wera li dawn il-qwiel mhumiex mibnijin ħlief bi kliem Għarbi.

Qabel Vassalli, De Soldanis kien ukoll ġabar bosta qwiel Maltin li jinsabu f'manuskritt il-Bibljoteka taħt l-isem ta' *Apoftegmi e Proverbi Maltesi*, iżda l-ġabra ta' Vassalli tgħodd wisq iżjed minn ta' De Soldanis.

Il-ġabra ta' Vassalli fiha 863 qawl; biċċa minnhom magħmulin vrejjes imqabblin, iżda l-biċċa l-kbira magħmulin sentenzi. Għalkemm nistgħu ngħidu li Vassalli nqeda bil-manuskritt tal-Qwiel ta' De Soldanis, f'bosta minn dawn il-qwiel hemm kliem li ma jaqbelx f'kollox ma' dak tal-manuskritt ta' De Soldanis. Xi ftit mill-qwiel qabbilhom ma' tal-Għarbi u kull qawl fissru bit-Taljan.

Il-qwiel jew proverbji huma l-mera tar-ruħ, tad-drawwiet u tal-qalb tal-poplu u għalkemm ħafna minnhom issibhom jaqblu ma' Taljani jew Sqallin, il-qatgħa ta' kliemhom u xi ħsibijiet li fihom, tagħżilhom għalihom bħala, biex ngħidu hekk, ħaġa tagħna għalkemm ħaddieħor għandu sehem minnha. F'dil-ġabra li għamel, Vassalli jidher li ħadem bl-akbar għaqal u sabar, u f'kull qawl, barra r-reqqa ta' bniedem li jaf jiżen u jgħożż il-għerf ta' misserijietna, huwa wera l-ħrara li qwielhom jibqgħu f'fommna kif wiritniehom sħaħ u safjin u kif jixraq li nerfgħuhom.

Dawn il-Qwiel isemmiehom Badger fil-*Guide to Malta and Gozo* (1836), paġ: 91 bħala biċċa mill-folklore Malti. "Il-mejjet Vassalli" igħid Badger" ħareġ ġabra ta' dawn il-qwiel,

snin ilu, bi traduzzjoni Taljana u b'xi tifsir tagħhom, illi fl-istîl safi tagħhom u fit-tagħlim tagħhom, fil-għamliet tagħhom figurativi u mwegħrin, fihom bosta minn dak is-sens tajjeb ta' moħħ ix-xjuħ Maltin. U, kif igħid ukoll Vassalli fil-Prefazzjoni ta' din il-ġabra, " Il-proverbji, massmi, sentenzi, qwiel u frażijiet kollha, illi l-Maltin baqgħu jżommu mill-ibgħad żminijiet, minn nisel għal ieħor bla ma qatgħu qatt, jiffurmaw bħal *kodiċi* nazzjonali, imsaħħin minn żmien għal ieħor bis-siġill u l-wetqa tal-ġrajjiet jew tiġrib ta' dak jew ta' dan il-proverbju, illi, kif wieħed isemmgħu, dlonk jagħraf kemm hu tassew minnu."

Xogħol ieħor ta' Vassalli, skond ma jistqarr Schlienz (Ara *Views on the improvement of the Maltese Language*, eċċ. paġ.40) hija t-traduzzjoni ta' *l-Istorja tas-Sultan Ċiru* li dehret stampata mingħajr l-isem tat-traduttur sentejn wara mewtu, jiġifieri fl-1831, fi ktejjeb ta' 123 faċċata bl-istess ortografija tal-Grammatka Maltija tiegħu tal-1827. Aħna ma nafux meta Vassalli għamel din it-traduzzjoni, iżda nistgħu nqisu li iktarx għamilha għal ħabta tal-1825 meta kien igħin lil Jowett f'xi kotba tat-tagħlim. Ktieb ieħor ta' l-istess daqs u karta, u miktub bl-istess ortografija,deher sena wara (1832), bil-Malti u bl-Ingliż taħt l-isem ta' *Ktyb yl Qari fuq bosta ħwejjeġ maħtura minn kotba kattolici.*

L-Istorja tas-Sultan Ċiru hija meħuda mill-*Histoire Ancienne des Egyptiens, des Cartaginais etc.* ta' M. Rollin, 1740. Tome Premier, Livre Quatrieme. Chap. I. *Histoire de Cyrus.* Bħala l-ewwel xogħol ta' traduzzjoni ta' din il-għamla nistgħu ngħidu illi Vassalli wera sengħa kbira f'dak iż-żmien meta l-Malti miktub ma kien għadu mħaddem b'xejn, u flimkien ma' l-ortografija, nistgħu ngħidu li f'din ħoloq bidu ta' stîl malti. Ma nistgħux ngħidu li hu tajjeb f'kollox: u bħalma nsibu li hu għandu xi għiltijiet fil-kitba ta' xi kliem fejn jikser xi reguli tal-fonetika u tal-morfoloġija, hekk ukoll huwa aħrax, iebes f'xi qwiel, kif ukoll nieqes mid-dehen fil-għażla ta' kliem malti mexxej, billi jħobb jinqeda ż-żejjed minn kliem qadim u mejjet jew kliem iktarx għarbi milli malti. Fil-qlib tiegħu mill-Franċiż ta' Rollin għall-Malti jidher li Vassalli mhux dejjem mexa bir-reqqa kollha fuq it-test; f'xi bnadi jidher li żied u żejjen u fi bnadi oħra qabeż u naqqas. Fuq hekk nisiltu biċċa mit-Tieni Taqsima tat-test franċiż u nxebbhuha mal-Malti ta' Vassalli: "Cyrus ne fut point éblassé de tout cet éclat, et sans rien critiquer ni condanner il fut se maintenir dans les principes qu'il avoit reçus des son enfance. Il charmoit son grand-père par des

faillies pleines d'esprit et de vivacité, et gagnoit tous les coeurs par des manières nobles et engagementes."

Vassalli jaqlibha b'dal-mod :

" Ċiru b'dik id-dija tal-qorti Miedja xejn ma stagħġeb, anqas mela għajnejh, li qatt ma kienu mdorrijin jitgħammxu bid-doħħan u bin-nefħa; imma qatt la kien jitniffes, anqas igħir jew imieri, jara x'jara; u hekk għaraf jibqa' jżomm ruħu, kif kien trabba f'daru bi kliemu mwieżen u meqjus. Billi kien jaf iġib ruħu ma' nannuh, u kien jislitlu qalbu bi kliemu, dak kien sar iħobbu wisq, u ma' ftit żmien daħal fil-qlub ta' kulħadd".

L-Istorja tas-Sultan Ċiru hija stampata fi ktieb żgħir li fih 123 faċċata. Barra mill-biċċa ta' hawn fuq, jaqbel li qabel ma nitkellem fuq ħaġ'oħra, nislet biċċa oħra minn din il-ġrajja, u sew sew l-aħħar biċċa li biha tagħlaq l-Istorja tas-Sultan Ċiru u li kif jidhirli hija waħda mill-aħjar għal dak li hu stîl : "Malli xamm illi wasallu waqt il-mewt, bagħat għal uliedu, u għal kbarat tas-Saltna tiegħu, u wara li iżża ħajr 'l Alla minn kullma kien għamel miegħu f'ħajtu, u talbu illi jżommlu taħt idejh u jħares 'l uliedu, il-ħbieb tiegħu u l-patrja tiegħu, għamel u ħalla sultan warajh il-Kampis ibnu l-bikri, u ħalla lil ibnu l-ieħor, li kien ismu Tangħossar, bosta gvernijiet kbar : u wissiehom it-tnejn u għarrafhom illi t-tronijiet idumu, igħaddu 'l quddiem u jinżammu tajjeb u bla biża' kemm-il-darba issir fihom is-sewwa t'Alla, il-ftehim bejn l-aħwa, u jingħamlu l-ħbieb tal-qalb: u le bil-kotra tat-tropop u tal-pajjiżi, anqas bil-għana; u qalilhom:

Uliedi ! Jiena nwissikom illi tweġġħu 'l Alla, u bl-isem Tiegħu tweġġħu 'l xulxin jekk tixtiequ togħġbu lili wkoll għalli ġej.....

Wara l-biża' t'Alla, ibżgħu mill-bnedmin, u miż-żmien li għadu ma ġiex fuqkom...

...Ġismi mbagħad, ja uliedi, wara illi ma jkunx ħaj, la tagħalquhulix fid-deheb, fil-fidda, jew f'ħaġ'oħra li tiswa': *Rodduh minnufih lill-art.* Ma tingħatax ħaġa ehna milli wieħed jiħtalat u jiġġissem ma' l-art li għajxitu, ma' l-omm tal-bnedmin kollha."

Barra minn dil-biċċa xogħol Vassalli, kif fissirna qabel, kien għamel it-traduzzjoni tal-Vanġelji bil-Malti, li hu kien beda fl-1823. Qablu, kif fissirna wkoll, ċertu Giuseppe Marin Canolo kien qaleb bil-Malti il-*Vanġelju ta' San Gwann.*

Vassalli, fiż-żmien ta' dwar ħames snin kien laħaq għamel it-traduzzjoni tal-Vanġelji ta' San Mattew, San Mark,

S. Luqa u S. Ġwann. F'Awissu tal-1828, kif semmejna qabel, kien qabad it-traduzzjoni u baqa' sejjer b'dan ix-xogħol sal-bidu ta' Jannar tal-1829. Meta Vassalli miet, fit-12 ta' Jannar, hu kien għad kellu f'idejh il-provi ta' xi traduzzjoni tal-Vanġelji jew ta' l-Atti. Kif nafu, dawn il-Vanġelji, bl-Atti magħhom, ħarġu fi ktieb, mill-Istamperija ta-Watts, f'Londra fl-1829 jiġifieri ftit xhur wara li mietVassalli.

It-traduzzjoni maltija ta' dawn il-Vanġelji u Atti, bħala l-ewwel traduzzjoni maltija li saret, tħalli barra t-traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Ġwann magħmula minn Canolo (1822) hija mill-aħjar għar-reqqa u għażla ta' kliem u frażijiet, għalkemm, meta xxebbahha ma' dik ta' ilsna oħra, insibu li Vassalli mexa wisq kelma b'kelma mal-kliem u mal-kostruzzjoni tat-test tal-Volgata.

Din il-ħaġa tidher aktar u iktar meta nqabblu t-traduzzjoni tiegħu ma' dik, li hemm fit-tieni edizzjoni tal-Vanġelji, eċċ, maħruġa mis-"*Society for Promoting Christian Knowledge*" u stampata fl-1847 minn Gabriel Vassalli, it-tifel ta' Mikiel A. Vassalli, u li fiha żdiedu l-Ittri jew l-Epistli u l-Apokalissi. Fit-traduzzjoni tal-Vanġelji, Vassalli mexa, għalhekk, wisq bir-reqqa milli meta qaleb "Il-Ħajja tas-Sultan Ċiru" fejn it-traduzzjoni kienet ħielsa għall-aħħar, bit-tiżjid u tnaqqis ta' kliem li fiha.

Sew it-traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Ġwann minn Canolo kemm dik li hemm fil-Vanġelji tat-Tieni Edizzjoui Maltija (mill-Ingliż) ta' Vassalli, li fiha, kif semmejna qabel, saru xi tibdil u tiswijiet minn Camilleri, f'xi kliem u bini ta' qwiel, huma aħjar minn dik fl-ewwel edizzjoni ta' Vassalli; iżda biex nagħtu ħjiel u nuru x-xebh ta' dawn it-traduzzjonijiet bejniethom, inġibu hawnhekk xi bċejjeċ ta' kull edizzjoni u magħhom xi bċejjeċ tat-traduzzjoni ta' Canolo mill-Vanġelju ta' San Ġwann:—

(L-ewwel Ediz. 1829) Vassalli

*Għaliex ġejt nifred il-bniedem minn missieru, u l-bint mn'ommha, u l-kenna minn ħmietha.* (Matt. X 35).

*U filli wieġeb Ġesù qallhom: Morru wasslu lil Gwân li smajtu, li rajtu.* (Matt. XI, 4)

*Il-għomi jaraw, il-għorox jimxu, l-imġiddmin jindafu, l-imtarrxin jisimgħu, il-mejtin iqumu, il-foqra jitbaxxru bl-inġil.* (Matt. XI, 5),

*Ġesù immela tala' fuq il-ġebel: u hemma kien qiegħed mad-dixxipli tiegħu.* (San Ġwann VI, 3)

*Hawn tifel, li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u ħutejn: iżda dawna xinhuma bejn kotra nies hekk kbira?* (San Ġwann, VI, 9).

*U wara illi mtelew, qal lid-dixxipli tiegħu: Iġimgħu l-ksur li fadlu biex ma jirtmewx* (San Ġwann VI, 12).

*Iżda huwa qalilhom: Jiena-jien, la tibżgħux.* (San Ġwann VI, 20).

(It-tieni Ediz. 1847) Vassalli

*Għaliex ġejt inġieled il-bniedem ma' missieru, u l-bint m'ommha, u l-kenna ma' mdannitha.* (San Matt. X, 35)

*Wieġeb Ġesù u qallhom. Morru uru minġdid lil Ġwan daka li intom tisimgħu u taraw* (Matt. XI, 4).

*Il-għomi jaraw u l-għorox jimxu, l-imġiddmin jindafu u t-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u l-foqra għandhom l-evanġelju mxandar fosthom.* (S. Matt. XI, 5).

*Ġesù immela tala' fuq il-ġebel, u hemma qagħad mad-dixxipli tiegħu.* (San Ġwann VI, 3).

*Hawn tifel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet: iżda dawn xinhuma għaldaqshekk nies?* (San Ġwann VI, 9).

*Wara illi mtelew, qal lid-dixxipli. Iġimgħu l-ksur li fadlu, biex ma jintilef xejn.* (San Ġwann VI, 12).

*Imma huwa qallhom, jiena hu la tibżgħux.* (San Ġwann VI, 20)

Canolo (1822)

*Ġesù emmela tala' għal fuq muntanja, u hemm qagħad mad-Dixxipuli tiegħu.* (San Ġwann VI, 3).

*Hawna tfajjel, li hu għandu, ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet: emma dawna xinhuma għal ġmigħa hekk kbira tan-nies?* (San Ġwann VI, 9).

*U meta xebgħu, qal lid-Dixxipuli tiegħu: Laqtu l-loqom li fadlu, biex ma tintilfux.* (San Ġwann VI, 12).

*Eżda huwa qallhom: Jiena hu, la tibżgħux.* (San Ġwann VI. 20).

Kif wieħed jista' dlonk jara, it-traduzzjoni ta' Vassalli għalkemm tista' tkun iżjed kelma b'kelma mat-test tal-Volgata latina, hija f'xi bnadi ħarxa u mhux hekk mexxejja daqs dik tat-Tieni Edizzjoni u f'xi kliem daqs dik ta' Canolo.

Jixraq hawnhekk li nsemmi fuq hekk il-fehmiet tal-ħabib tiegħi, il-Professur Dun Pietru Pawl Saydon li

li għoġbu jislifni l-istudju li għamel fuq l-Istorja tal-Bibbja Maltija (miktuba bl-Ingliż u bil-Malti) li għadha manuskritt fejn, għal dik li hi traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Ġwann magħmula minn Canolo, igħid illi "Canolo mexa bil-ħsieb li jfisser bir-reqqa t-test latin u b'mod ċar u ħafif mingħajr ma qagħad ifittex it-tirqim ta' stîl. Xi tibdil ċkejken, bħal ma ngħidu aħna, taqlib ta' kliem, tibdil ta' kelma ma' oħra, tħassir ta' kelma żejda, u żieda ta' partiċella, kienet issebbaħ u tagħti qawwa lill-kliem....... iżda wieħed jistqarr illi t-traduttur xi mindaqqiet jikser il-ħemda ta' li stîl billi dlonk il-kliem jibnih fuq ix-xeħta semitika. Fuq hekk it-traduzzjoni ta' Canolo tiġi li ħabġiet tisboq lil dik ta' sieħbu Vassalli li għax u kiteb fi żmienu u miżmum bħala traduttur aħjar minnu."

Meta jiġi biex jitħaddet fuq Vassalli, fost ħwejjeġ oħra, il-Professur Saydon jagħti dawn il-fehmiet:—

"It-traduzzjoni ta' Vassalli tgħaqqad iż-żewġ ħwejjeġ li huma meħtieġa fi traduzzjoni, jiġifieri illi l-kliem ifissru sewwa u ċar. Is-sens maħtuf kollu kemm hu u mfisser sabiħ bi stîl ħafif u xieraq. Dejjem iżomm sħiħ mat-test u jfissru bir-reqqa fil-ftietaq tiegħu kollha u, iktarx bl-istess taqsim ta' kliem.

Sabiex dejjem jimxi mat-test bla xejn ma jitbiegħed minnu, huwa jżomm ruħu rsir mat-test latin, u b'hekk iġenneb l-istîl malti u jgħarraq il-ħlewwa u l-qawwa tal-kostruzzjoni Maltija". Iżda iżjed il quddiem il-Professur Saydon jistqarr illi: Għalkemm Vassalli baqa' mwaħħal bir-reqqa kollha mat-test latin huwa għaraf jagħti lit-traduzjoni x-xeħta mexxejja, sabiħa u qawwija ta' kliem. Is-sentenzi huma dejjem mibnijin bis-sengħa u mżejnin sabiħ sabiħ bil-ġmiel kollu ta' l-istîl semitiku. It-traduzzjoni ta' Vassalli fuq daqshekk wisq fil-bogħod, jekk qatt, insibu li ħaddieħor sata' jgħaddiha".

Band'oħra jissokta jgħid ukoll: "It-traduzzjoni ta' Vassalli, għalkemm kienet ħarġitha Xirka Protestanti u fl-*interessi ta' Knisja Protestanti*, tista', sa ċertu pont, titqies bħala biċċa xogħol Kattolika, billi hemm miġjub fiha, kelma b'kelma kemm sata' jkun, l-istess test illi taqra l-Knisja Kattolika fit-tagħlim tagħha u fil-liturġija tagħha. Jiena ma nafx x'kienet ir-raġuni li ġagħlet lix-Xirka Missjonarja tal-Knisja Ingliża tinqeda b'din it-traduzzjoni li fiha m'hemmx ħlief divrenzja wisq ċkejkna meta tqabbilha ma' dik li taqra l-Knisja Ingliża. Iżda dawn id-divrenzji ċkejkna dlonk tneħħew meta ħarġet it-traduzzjoni l-oħra tat-Test-

ment kollu ftit snin wara taħt l-isem ta': "*Il-Aaqda il-Jdida ta' Sidna Jesu Kristu*, Malta, 1847".

Il-Professur hu tal-fehma, bħali, illi t-traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid maħruġ fl-1847, mhix ħaġa oħra ħlief dik ta' Vassalli, u fiha m'hemmx imbiddel ħlief xi kelma 'l hawn u 'l hinn, u wisq fil-bogħod xi qawl, jew biex tkun iktar taqbel mat-test Ingliż jew biex tiftiehem aħjar bil-bidla ta' kelma qadima ma' oħra iżjed mexxejja. Xi divrenzja wkoll tinsab fil-kostruzzjoni grammatikali, l-iktar fit-tempijiet tal-verbi; hekk fejn Vassalli jgħid: *mehmumin*, Mark 2. 17, *jid-hnu*, 6. 18, *xebb*, Luqa 7. 14, *titħaqqux* 21, 9 *fin-naxâr*, Atti 21. 34, fit-traduzzjoni tat-tieni edizzjoni nsibu: *morda*, *jidilku*, *żagħżugh*, *titbeżżgħux*, *ġewwa s-swwar* u tarġa' fejn Vassalli jgħid: *Kont nara*, Luqa 10, 18, *Kienu jżommuh* 4, 42, *Kien igħidilhom*, Mark 1, 22. fit-traduzzjoni tat-tieni edizzjoni nsibu: *rajt*, *żammewh*, *qalilhom* u fejn f'dik ta' Vassalli naq-raw: *il-qaddej il-ħażin*, Matt. 24, 48, *u billi fil-waqt idduna fih in-nifsu mill-qauwa li kienet ħarġet minnu*, *filli dar lejn il-ġemgħa*, ećć. Mark 5. 30 fit-tieni edizzjoni naqraw: *il-qaddej ħażin*; *U minnufih nduna fih in-nifsu mill-qawwa li ħarġet*, *u dar mill-ġemgħa*, ećć.

(*Jissokta*)

A. C.

# KOTBA LI WASLULNA

DON P. P. SAYDON. *Il-Kotba tas-Slaten* maqlubin mil-Lhudi u mfissrin. Dan huwa d-disa' Ktieb tal-Bibbja li bihom il-Prof. Saydon qiegħed jagħni l-letteratura tagħna. Ktieb ta' 108 faċċata li minnu nistgħu ngħidu li xejn ma jagħmel għajb lil ta' qablu. Empire Press jinbiegħ 1|3.

*Il-Vanġelu fi Kliem S. Mark* maqlub bil-Malti u maħruġ mill-Għaqda ta' Qari Tajjeb. Stampat fl-Empire Press. Jekk il-kotba bil-Malta ta' din il-Għaqda huma ta' min ifaħħarhom għall-ġid li qegħdin jagħmlu, dan t'issa, min-naħa tagħna, ma nistgħux ma nfaħħruhx għal darbtejn. Dan il-Vanġelu hu stampat mhux biss b'ortografija tajba iżda bl-alfabet tagħna wkoll. Meta dal-ktieb ma jonqsu xejn: Traduzzjoni tajba, kliem safi għad li mexxej u ortografija tajba. Bil-ħaqq ħaġa oħra: irħis kemm jista' jkun: ktieb ta' 56 faċċata *sold* biss. Min sejjer ma jixtrix wieħed! u mbagħad ta' min jagħmlilha l-qalb lill-Għaqda biex tkompli toħroġ kotba bħal dawn!

P. PAWL TABONE, O. F. M. *Il-Vija Sagra.* Ktieb żgħir maħruġ fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira jmissu nxtara ħafna. Imma mhux dawk il-ġranet biss id-devozzjoni tal-Vija Sagra! - Dal-ktieb għandu jkun f'idejn kull nisrani għax barra milli fih kif għandek tagħmilha bir-reqqa kollha fih bċejjeċ ta' Storja li mhux kulħadd jafhom! Stampat bl-ortografija tal-Għaqda tagħna għand Giovanni Muscat u jinbiegħ minn hemm u minn ħwienet oħra.

Barra minn dawn it-tliet kotba stampati bl-Ortografija tagħna u li aħna nniżżluhom fl-Album tagħna bħala xhieda tal-frott ta' sbatax-il-sena ħidma tal-Għaqda, waslilna ktieb ieħor li ma nistgħux inniżżluh f'dan l-album li semmejna. Din hi traduzzjoni tas-Sur Fons tax-xogħol ta' Patri Anton-Dragon S.J. tal-ħajja ta' *Mikiel Wistin Pro Gizwita.* Il-ktieb sabiħ ħafna nafu: kemm jinqala' s-Sur Fons biex iġib bil-Malti kotba ta' din ix-xejra. Stampat tajjeb ukoll fl-istamperija tas-Selesjani tas-Sliema. Għajb li mhux miktub bl-ortografija tagħna.

* * *

Tkellimna kemm-il-darba fuq dawk il-Maltin li għad li ma humiex bogħod ħafna minn art twelidhom iżda huma mifruda minnha bil-baħar għammiq tal-Mediterran u għedna kemm iħobbuha lil Malta tagħhom u jgħożżu lsien art twelidhom. Xhieda oħra ta' dan huwa l-ġurnal *Melita* maħruġ mis-sur Jean Vella, Boulevard Fallières, Sousse (Tunisie). Ġurnal li għad li hu żgħir huwa mimli b'aħbarijiet ta' kull xorta; miktub bil-Franċiż u bil-Malti. Nifirħu bil-qalb l-Editur tiegħu u lil kull min jaħdem fih u nixtiequ li sew il-Maltin t'hemm kemm ta' postijiet oħra jagħmlulu l-qalb biex jissokta joħroġ.

—Minn Tunes ukoll ħarġet xhieda oħra ta' din l-imħabba. L-Editur Armand Guibert, li dawn il-ġranet kellna x-xorti narawh hawn Malta u nżżuh ħajr wiċċ-imb-wiċċ, ħareġ is-sbatax, il-ktieb tiegħu ta' *Les Cahiers de Barbarie*, bi traduzzjoni bil-franċiż ta' 32 poeżija maltija, xogħol mill-isbaħ tal-ħabib ta' Malta, u Malti bħalna, is-sur Laurent Ropa, taħt l-isem ta' *Poëtes Maltais*. Nixtiequ kellna l-wisa' biex niflu bir-reqqa din il-ġabra ta' poeżijiet Maltin iżda biss irridu ngħidu li dan ix-xogħol hu ta' ġieħ kbir għaliex igħolli l-poeżija tagħna u jressaqha quddiem nies kbar li mħabba fiċ-ċokon tagħna, ma kienet qatt tista' tasal quddiemhom. Il-poeżijiet magħżula huma ta' Rużar Briffa, F.S. Caruana, Ninu Cremona. G. Delija S. J, Dun Karm, Carmelo Mifsud Bonnici, Ġużè Muscat-Azzopaadi, Ġorġ Pisani u Arthur V. Vassallo.

Min irid jara kopja tiegħu u jikseb wieħed jasal sa għand Aquilina tal-kotba ta' Sda. Reale il-Belt.

—Waslilna ktieb żgħir ta' sew sew 30 faċċata li fih poeżija bl-ingliż jisimha *Merry-Go-Round* miktuba mis-sur Edward Ellul "li ilu joqgħod Londra xi għoxrin sena u li twieled Malta, l-iżjed Kolonja Ingliża interessanti", kif semmieh l-Editur tal-ktieb. Ngħidu għalina, aħna sibnieh ktieb sabiħ ħafna, versi tajba, immaġinazzjoni qawwija, f'xi biċċiet, biex ingħidu hekk, huwa ftit misterjuż għax, kif qal huwa stess, din mhix ħlief "a kind of Poem" li huwa kiteb: u forsi mhux kulħadd jaħseb fuqha xorta! Għalhekk jekk is-sur Ellul isib ma' wiċċu xi kritika ftit u xejn kuntrarja ma għandux għal fejn jaqta' qalbu, iżda jissokta f'din il-karriera letterarja. Bosta Ingliżi, li jafu xi jgħidu, faħħruhulu u ferħulu b'qalbhom kollha.

F. S. C.

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, c/o "Empire Press" Valletta.